# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

## S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI
## ONOR. IMĦALLEF CHRISTIAN FALZON SCERRI
## ONOR. IMĦALLEF JOSETTE DEMICOLI

**Seduta ta' nhar il-Ħamis, 7 ta' Diċembru, 2023.**

**Numru 9**

**Rikors numru 45/2019/1BS**

**Raymond Grech**

**v.**

**Maria Concetta Grech, James George Grech u Jessica Anne Grech**

**Il-Qorti:**

1. Din hija sentenza dwar appell imressaq mill-konvenuti kollha minn sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) (Ġurisdizzjoni Superjuri) (Sezzjoni Ġenerali), nhar il-25 ta' Novembru, 2022, li biha u għar-raġunijiet hemmhekk imfissra ċaħdet l-eċċezzjonijiet kollha tal-konvenuti u sabet li dawn wettqu spoll vjolenti u klandestin kontra

Raymond Grech, billi tellfuh mill-pussess ta' għalqa li tinsab fl-inħawi hekk imsejħa '*Il-Wied ta' Martin*', f'Għajnsielem, Għawdex.

**Daħla**

2. B'rikors maħluf tad-19 ta' Ġunju, 2019, Raymond Grech fisser li huwa kien fil-pussess ta' biċċa art agrikola fin-naħat hekk imsejħa bħala '*Il-Wied ta' Martin*', ġewwa Għajnsielem f'Għawdex. Ilmenta li f'xi żmien wara t-22 ta' April 2019, il-konvenuti jew xi ħadd minnhom ħadulu l-pussess ta' dik l-għalqa b'mod vjolenti u klandestin, billi qalgħulu l-pajpijiet tat-tisqija li huwa kien qiegħed f'din l-art sabiex isaqqi l-qargħa ħamra. Jgħid ukoll li b'rapport tal-Pulizija dawn żammewh milli jerġa' jidħol aktar f'dik l-għalqa. Minħabba f'hekk l-attur fetaħ din il-kawża kontra l-konvenuti u talab lill-Ewwel Qorti sabiex:

> *«1. Tiddikjara illi intom ikkommettejtu spoll vjolenti u klandestin għad-dannu tar-rikorrenti billi telliftuh fil-pussess ta' ħwejġu billi ħadtu l-pussess tal-art indikata bl-aħmar fuq il-pjanta hawn annessa u mmarkata Dokument A;*
>
> *2. Tikkundannakom tisporgaw l-ispoll vjolenti u klandestin minnkom kommess billi terġgħu tpoġġu lill-attur fil-pussess ta' ħwejġu;*
>
> *3. Fin-nuqqas illi inti teżegwixxi x-xogħljiet fiż-żmien konċess lilek, tawtorizza lir-rikorrenti sabiex jagħmel dawn ix-xogħlijiet huwa a spejjeż tagħkom, okkorrendo taħt id-direzzjoni ta' perit nominandi.*
> *Bl-ispejjeż, u bl-inġunzjoni għas-subizzjoni illi għaliha minn issa intom inġunti.*
> *Bir-riżerva ta' kwalunkwe azzjoni oħra spettanti lir-rikorrenti kontra tagħkom.»*

3. Bi tweġiba waħda mressqa fl-4 ta' Lulju, 2019, il-konvenuti laqgħu għal din il-kawża billi qajmu dawn l-eċċezzjonijiet:

*«1. Illi t-talbiet attriċi huma totalment infondati fil-fatt u fid-dritt, u dan għaliex mhux minnu illi l-konvenuti kkommettew spoll vjolenti u klandestin;*

*2. Illi mingħajr preġudizzju għall-premess, fil-każ odjern huma mankanti t-tliet elementi kollha bażiċi rikjesti mil-liġi sabiex azzjoni ta' spoll vjolenti, klandestin u riċenti tissussisti. Illi fil-fatt huwa għalkollox mankanti l-element ta' actor docere debet possedisse, fi kliem sempliċi l-element ta' pussess u dan peress illi l-attur ma jgawdi l-ebda forma ta' pussess jew detenzjoni tal-imsemmija raba'. Illi fil-verità din ir-raba' kienet fil-pussess tal-konvenuti, li ħawlu s-siġar fiha u kien l-attur li bejn is-7 u d-9 ta' Marzu, 2019 mar iqaċċtilhom is-siġar u sar id-debitu rapport lill-Pulizija (ara rapport anness). Il-pussess kien f'idejn il-konvenuti, kif jiġi dettaljament pruvat waqt is-smigħ tal-kawża;*

*3. Illi dejjem mingħajr preġudizzju għall-premess huwa wkoll nieqes l-element daqstant importanti ta' infra bimestre deduxisse u ċjoè l-azzjoni ma ġietx istitwita fi żmien xahrejn (2) minn meta sar l-allegat spoll. Illi fir-realtà l-allegat spoll sar iktar minn xahrejn (2) mid-data meta ġiet ippreżentata l-kawża, kif faċilment jista' jiġi dettaljatament ippruvat. Isegwi għalhekk illi l-azzjoni attriċi hija ineżorabilment destinata illi tfalli;*

*4. Illi inoltre minn dan l-attur ħa l-liġi b'idejh billi daħal b'mod klandestin bejn is-7 u d-9 ta' Marzu 2019 u qaċċat is-siġar u sar d-debitu rapport lill-Pulizija Eżekuttiva;*

*5. Illi għal dawn ir-raġunijiet, u għal dawk ir-raġunijiet kollha illi ser jirriżultaw fil-mori ta' dina l-proċedura, l-esponenti jissottomettu illi t-talbiet attriċi għandhom jiġu miċħuda in toto, bl-ispejjeż kontra l-istess attriċi;*

*Salv eċċezzjonijet ulterjuri fil-fatt u fid-dritt.*

*Bl-ispejjeż u bl-inġunzjoni għas-subizzjoni tal-istess attur.»*

4. B'sentenza mogħtija fil-25 ta' Novembru, 2022, il-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) (Ġurisdizzjoni Superjuri) (Sezzjoni Ġenerali), ddeċidiet il-kawża hekk:

*«Għaldaqstant, in vista tal-premess u għall-motivi ġa espressi l-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi tilqa' t-talbiet tal-attur, tiċħad l-eċċezzjonijiet tal-konvenuti u, għall-finijiet tat-tielet (3) talba attriċi tipprefiġġi lill-konvenuti terminu ta' xahar mil-lum sabiex jirreintegraw lill-attur fid-drittijiet kollha tiegħu relattivi għar-raba'*

*magħruf bħala "Wied ta' Martin", fil-limiti ta' Għajnsielem, billi jirripristinaw l-art għall-istat li kienet fih qabel l-ispoll u jirrilaxxaw l-istess a libera dispożizzjoni tal-attur.*

*B'dan illi fil-każ li l-konvenuti jibqgħu inadempjenti fit-terminu lilhom konċess, l-attur qed jiġi minn issa awtorizzat jagħmel dak minnu mitlub fit-tielet (3) talba tiegħu a spejjeż tal-konvenuti.*

*L-ispejjeż tal-kawża jitħallsu mill-konvenuti.»*

5. Fost ir-raġunijiet ewlenin li wasslu lill-Ewwel Qorti għal din id-deċiżjoni kien hemm dawn li ġejjin:

*« Fil-każ de quo, l-attur isostni li huwa ilu fil-pussess tar-raba' in mertu sa mill-2010 meta missieru ma' baqax f'saħħtu biżżejjed sabiex ikompli jaħdmu hu. Jgħid ukoll li r-raba' inkwistjoni kien fil-pussess ta' missieru u nannuh qablu għal għexerien ta' snin qabel dan.*

*Sabiex jipprova dan, l-attur minbarra l-verżjoni tiegħu jressaq diversi xhieda li konsistentement jgħidu li fir-raba' inkwistjoni jafu biss lill-attur u familjari tiegħu qablu jew kontemporanjament miegħu. Infatti Joe D'Emanuele u Paul Debono (Affidavit a fol 55 u fol 55 sa 57 tal-proċess, it-tnejn jikkonfermaw li lill-attur ilhom jafuh minn tfulitu. Jikkonfemaw ukoll li qabel l-attur jiftakru lil missieru Anthony Grech fir-raba' inkwistjoni.*

*Ix-xhud Paul Debono jmur anke oltre billi jgħid li tant huwa jaf dak ir-raba' bħala tal-attur illi meta lemaħ lil ħaddiehor fih huwa dlonk ikkomunika mal-attur sabiex jieħu ħsieb jara x'qiegħed jiġri. Dan jikkonfermah anke in kontroeżami fl-udjenza tal-10 ta' Ġunju, 2021.*

*Ix-xhud Maurice Axiaq (Affidavit a fol 58 sa fol 61 tal-proċess), jixhed konsistentement billi jgħid illi meta huwa xeħet terrapien fuq ir-raba' mertu ta' dawn il-proċeduri, kien l-attur li mar kellmu bħala sid l-art, u dana lura fl-2014 meta x-xhud kien qiegħed jibni fil-viċinanzi. Barra minn hekk il-konvenuti stess jammettu għal darba, darbtejn, li huma kienu konxji li qabel daħlu fir-raba' inkwistjoni, l-aħħar pussessur magħruf tal-istess kien missier l-attur. Mhux hekk biss iżda Maria Concetta Grech tixhed (Affidavit maħluf fis-seduta ta l-1 ta Frar, 2022), li wara li binha xtara porzjonijiet art qrib ir-raba' inkwistjoni lura fl-2008, hija kienet staqsiet ta' min hi r-raba' inkwistjoni, u wara li ġiet infurmata marret għand omm l-attur sabiex tixtri parti minnu.*

*Xhieda oħra importanti hija dik indipendenti tax-xhud Arthur Bajada, rappreżentant tad-Dipartiment tal-Biedja, imressaq mill-konvenuti.*

*Dan ix-xhud jixhed li fil-fatt, sa mill-2003 din ir-raba' inkwistjoni kienet reġistrata fuq missier l-attur. Ir-reġistrazzjoni fuq missier l-attur baqgħet tissussisti sal-2011 meta b'riżultat ta' eżerċizzju amministrattiv rigward id-database tar-reġistrazzjonijiet huma, id-Dipartiment tal-Biedja, neħħew xi reġistrazzjonijiet, inkluż dik ta' missier l-attur. Ix-xhud jispjega li din il-bidla seħħet biss stante li fis-sentejn ta' qabel ma kienx intalab sussidju mill-bidwi rreġistrat iżda dan ma jfissirx li l-istess raba' ma kinitx għadha miżmuma mill-familja tal-attur.*

*Ix-xhud ikompli li r-raba' in mertu reġa' biss ġie reġistrat fl-2021 meta fuq dikjarazzjoni tal-konvenuta Jessica Ann Grech, id-Dipartiment aċċetta li jirreġistra r-raba' inkwistjoni fuq isimha. Ix-xhud jispjega iżda li dan seħħ biss fuq dikjarazzjoni tal-konvenuta Jessica Ann Grech, mingħajr mad-dipartiment ikun iċċekkja jekk ir-raba' hux jinħadem, u biss għax ir-raba' rriżulta mhux reġistrata għar-raġunijiet ġa msemmija. Dan ifisser li fil-każ de quo, huwa ċar li missier l-attur irreġistra l-art, u dana sa mill-2003. Ir-reġistrazzjoni tneħħiet biss bħala teknikalità, b'riżultat ta' eżerċizzju amministrattiv tad-dipartiment, l-attur ma ġiex infurmat li tneħħiet u l-konvenuta Jessica Ann Grech ħadet l-opportunità tirreġistra l-istess f'isimha fl-2021 meta kienet saħanistra matura din il-kawża.*

*Apparti dan, l-attur ipprova sodisfaċentement li fl-2018 huwa ħa passi sabiex ameljora r-raba' inkwistjoni billi daħħal fih ħamrija addizzjonali sabiex jgħatti blat li kien hemm u b'hekk ikun hemm wiċċ akbar għall-ħidma. Fuq dan, ser isiru osservazzjonijiet ulterjuri aktar 'il quddiem.*

*Min-naħa tagħhom il-konvenuti jsostnu li familjari tagħhom akkwistaw żewġ porzjonijiet art quddiem ir-raba' mertu ta' din il-vertenza fl-2008 u żviluppaw l-istess mill-2011 'il quddiem. Isostnu li f'dan iż-żmien ir-raba' wara dawn il-porzjonijiet art li kienu qed jiżviluppaw kienet abbandunata u mhux maħduma. Jgħidu li għalhekk fl-2016 iddeċidew li jaħdmuha u hekk għamlu. Iżidu li mbagħad fl-2018 sabu vjeġġi tal-ħamrija rbulati fir-raba', ma kinux jafu kif dawn ġew hemm u wittew l-istess. Ikomplu li wara li wittew il-ħamrija ħawlu s-siġar taż-żebbuġ li mbagħad tqaċċtu mill-attur.*

*Apparti li dan jikkuntrasta mal-kumplament tax-xhieda mressqa mill-attur huwa minnu li l-attur innifsu jammetti li kien hemm xi żmien fejn ir-raba' baqgħet ma nħadmitx però dan ma jfissirx li l-attur ma kienx imur 'l hemm u għalhekk ma kellux il-pussess meħtieġ.*

*Barra minn hekk il-Qorti tinnota li filwaqt li x-xhieda mressqa mill-attur kienu konsistenti, il-konvenuti ma rnexxilhomx jippruvaw xi tip ta' pussess, la passat u wisq anqas fi żmien tal-allegat spoll. Wisq anqas irnexxilhom jippruvaw li l-attur ma kellux il-pussess neċessarju sabiex jeżerċita d-drittijiet mogħtija lilu mill-Qorti bil-proviżjonijiet relattivi għall-azzjoni ta' spoll.*

*Ir-ritratt esibit mil-konvenuta Jessica Ann Grech mal-affidavit tagħha a fol 148 tal-proċess tassew juri persuna fuq inġenja tar-raba' ġewwa għalqa, però tali persuna li tidher fir-ritratt imsemmi kellha semmai titressaq tixhed, xi ħaġa li ma saritx.*

*Rigward it-tneħħija tas-siġar taż-żebbuġ mill-attur il-konvenuti jittentaw jallegaw li l-attur ħa l-liġi b'idejh tant li anke jqajmu l-eċċezzjoni f'dan is-sens. Il-Qorti mhijiex ser tissofferma ruħha fit-tul fuq dan. Tgħid sempliċiment li kif ingħad f'diversi sentenzi tal-Qorti tagħna, meta l-azzjoni tkun saret immedjatament wara li jkun sar l-ispoll, tkun ġustifikata (Irreferi għad-deċiżjoni mogħtija fl-Appell nhar is-16 ta' Jannar, 1920 fl-ismijiet* ***Pellegrini Petit v. Sammut*** *mill-Prim'Awla nhar il-31 ta' Jannar, 2003 fl-ismijiet* ***Sammut v. Sammut****, u mill-Prim'Awla nhar l-24 ta' Novembru, 2010 fl-ismijiet* ***Alfred Fenech et v. Anthony u Francesca Galea et****). Għalhekk, f'każi simili l-Qorti trid tiddeċiedi jekk l-attur kellux pussess u allura jekk kellux dritt jirrespinġi l-ispoll purché l-azzjoni tkun proporzjonata (fis-sens li jerġa' jpoġġi l-affarijiet għall-istat li kienu qabel l-ispoll) u immedjata (Irreferi għad-deċiżjoni mogħtija mil-Prim'Awla nhar l-24 ta' Novembru, 2010 fl-ismijiet* ***Alfred Fenech et v. Anthony u Francesca Galea et****).*

*Il-Qorti jidhrilha li dan il-prinipju ġie żviluppat biex iservi ta' difiża għal min ikun ġie spoljat mill-pussess tal-ħaġa u jirreaġixxi billi jerġa' jistabbilixxi l-istatus quo ante fis-sens li jerga' jakkwista l-pussess tal-ħaġa li jkun ġie spoljat minnha. Minħabba f'hekk l-azzjoni trid tkun immedjata għall-ispoll kommess. Dan anke għaliex il-ġurisprudenza ħadet kont tal-fatt illi n-natura umana hija li hi u huwa naturali li l-bniedem jirreaġixxi b'dan il-mod. Madankollu l-Qrati ma jistgħux jippermettu li l-ispoljat jieħu l-liġi f'idejh la b'mod sproporzjonat u lanqas wara li jgħaddu l-ġimgħat fuq l-ispoll oriġinali (dejjem jekk dan sar).*

*Fil-każ tal-lum jirriżulta li kemm Paul Debono kif ukoll Maurice Axiaq innutaw li xi ħadd kien ħawwel xi siġar fir-raba' li huma kienu jafu bħala tal-attur. Għalhekk infurmaw b'dan lill-attur li, dakinhar stess mar fuq il-post akkumpanjat minn Maurice Axiaq u beda jqaċċat is-siġar taż-żebbuġ.*

*Hija għalhekk l-opinjoni ta' din il-Qorti li l-aġir tal-attur f'dan is-sens kien immedjat u proporzjonat u għalhekk fil-parametri addetti.*

*Il-Qorti tagħmel ukoll aċċenn għax-xhieda ta' Alexis sive Alessio Mizzi li kien jiġbor iċ-ċnus tal-Knisja fl-inħawi. Huwa minnu li in kontroeżami fl-udjenza tal-10 ta' Ġunju, 2021 dan ix-xhud jgħid li ma jistax bi preċiżjoni jindika fejn kienu l-porzjonijiet tal-art ta' kull min kien iħallas iċ-ċens għar-raba' ta' wara l-Knisja tal-Patrijiet f'Għajnsielem. Madankollu, isem il-familjari tal-attur jirriżultaw fid-dokumenti eżebiti min dan ix-xhud mal-affidavit tiegħu a fol 34 sa 37*

*tal-proċess mentri dak tal-konvenuti ma jirriżultawx.*

*Huwa għal dawn ir-raġunijiet li fil-każ in eżami, din il-Qorti, għalkemm għandha żewġ verżjonijiet kunfliġġenti għal xulxin, hija konvinta li l-attur kellu għall-finijiet ta' din il-kawża l-pussess tal-art mertu tal-kawża. Konklużjoni li l-Qorti waslet għaliha wara li kellha l-opportunità li tirrifletti fuq ix-xhieda tal-partijiet u tax-xhieda addizzjonali mressqa minnhom kif ukoll id-dokumenti miġjuba quddiemha.*

*Dan magħdud, jibqa' allura l-kwistjoni tal-att spoljattiv innifsu – spoliatum fuisse – ossia, li l-ispoljant għamel azzjoni kontra r-rieda tal-pussessur li eskludiet lill-pussessur mill-pussess. Jibqa' wkoll il-kwistjoni tat-terminu tal-azzjoni – infra bimestre deduxisse li ser jiġi kkunsidrat hawn aktar 'il quddiem.*

*Dwar it-tieni element, huwa meħtieġ li jintwera li l-għemil spoljattiv ikun wieħed arbitrarju u magħmul kontra r-rieda tal-pussessur b'mod li jista' jagħti lok għal azzjoni ta' danni kontra min ikun wettqu. Huwa wkoll maħsub li l-għemil irid ikun wieħed vjolenti jew imqar mistur għall-għarfien tal-persuna li kellha l-pussess.*

*Mill-assjem tal-provi u mill-konsiderazzjonjiet diġà magħmula supra rigward il-pussess, il-Qorti tislet li l-attur mhux biss irnexxielu jikkonvinċiha li kellu l-pussess rikjest fiż-żmien inkwistjoni iżda wkoll li ġie spoljat mill-istess meta tneħħew il-pajpijiet tad-drip li poġġa fir-raba' in mertu u sar rapport kontrih lill-pulizija wara liema, fuq struzzjonijiet tal-pulizija, huwa ma resaqx aktar 'l hemm iżda pproċeda b'din l-istanza.*

*L-attur irnexxielu jipprova dan bix-xhieda tiegħu u bix-xhieda ta' terzi indipendenti li ressaq u li kkonfermaw li kien biss wara l-inċidenti tas-siġar taż-żebbuġ u tal-pajpijiet tad-drip li flok l-attur bdew jaraw lill-terzi fir-raba' in mertu.*

*Li l-pajpijiet tneħħew mill-konvenuti jew xi ħadd minnhom tammettih il-konvenuta Jessica Ann Grech nfisha fl-affidavit tagħha a fol 147 sa 150 tal-proċess kif konfermat ukoll minn ħuha, il-konvenut l-ieħor James George Grech, bl-affidavit tiegħu a fol 151 tal-proċess, fejn din tgħid li fid-19 ta' April, 2019 marret fl-għalqa, sabet il-pajpijiet, iddeċidiet li kienu skart, u neħħiethom.*

*Il-Qorti tasal għalhekk għal konklużjoni li tali azzjoni tal-konvenuti tammonta għal spoll u tissodisfa t-tieni element tal-azzjoni, l-ispoliatum fuisse.»*

6. Il-konvenuti kollha appellaw minn din is-sentenza b'rikors wieħed tat-22 ta' Diċembru, 2022, bl-aggravji jkunu li l-Ewwel Qorti wettqet

apprezzament żbaljat tal-fatti u tal-liġi hekk kif ikkonkludiet: (i) li l-attur qala' u qaċċat uħud mis-siġar taż-żebbuġ fis-7 ta' Marzu, 2019, taħt il-prinċipju tal-*vim vi repellere licet* (*i.e.* li huwa leċitu li wieħed iwieġeb għall-vjolenza bil-vjolenza); (ii) li fit-18 u fid-19 ta' April, 2019, u sewwasew fil-jiem li fihom l-attur ħawwel ix-xtieli tal-qargħa ħamra u għadda l-pajpijiet tat-tisqija, huwa kellu l-pussess tal-għalqa li dwarha feġġet din it-tilwima; u (iii) li l-azzjoni tal-qlugħ tax-xtieli u tal-pajpijiet tat-tisqija kienet tammonta għal spoll meta fil-fatt din l-azzjoni kienet meħuda sabiex ixxejjen l-ispoll tal-attur, u dan skont il-prinċipju fuq imsemmi ta' *vim vi repellere licet*.

7. L-attur appellat wieġeb għal dan l-appell fit-13 ta' April, 2023, u hemmhekk huwa ressaq ir-raġunijiet tiegħu għalfejn dan l-appell għandu jiġi miċħud, bl-ispejjeż kontra l-appellati.

8. Wara li rat l-atti kollha tal-kawża, din il-Qorti tqis li m'hemmx il-ħtieġa li tqiegħed dan l-appell għas-smigħ u b'hekk sejra tgħaddi minnufih għas-sentenza b'riħet l-**Artikolu 152(5) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili**.

**Konsiderazzjonijiet:**

9. L-appellanti qegħdin isejsu l-appell tagħhom fuq tliet aggravji li

meta moqrija flimkien, iwasslu lil din il-Qorti biex tifhem li l-appellanti qegħdin jilmentaw minn dawk il-partijiet tas-sentenza appellata li fihom l-Ewwel Qorti ddeċidiet li l-attur irnexxielu jipprova li kellu tabilħaqq il-pussess tal-għalqa u li l-atti mwettqa minnhom kienu ta' sura spoljattiva.

10. Nibdew bl-**<u>ewwel aggravju</u>** li fih l-appellanti qegħdin jargumentaw li l-Ewwel Qorti wettqet apprezzament ħażin tal-fatti u tal-liġi meta kkonkludiet li bl-att tal-qlugħ u tat-tqaċċit tas-siġar taż-żebbuġ, l-attur kien qiegħed jiddefendi l-pussess tal-għalqa li dwarha hija din it-tilwima, u dan taħt il-prinċipju ta' *vim vi repellere licet,* li kif xi drabi oħra huwa msejjaħ bħala l-prinċipju tal-'*awto-difiża*'.

11. L-appellanti jibdew billi jistqarru li huma qatt ma kkontestaw li fl-antik, u sewwasew qabel is-sena 2012, il-pussess tar-raba' kien f'idejn il-familja tal-attur. Jgħidu però li dan il-pussess spiċċa, hekk kif il-familja tal-attur abbandunaw dik ir-raba', wara li skadielhom it-titlu tal-qbiela. Jilmentaw li l-konsiderazzjonijiet tal-Ewwel Qorti dwar il-pussess tal-attur u tal-familja tiegħu jieqfu sas-sena 2012, u f'dan l-isfond jinsistu li huma rnexxielhom jippruvaw kif l-attur u familtu abbandunaw dik ir-raba', tant li jgħidu li l-attur stess stqarr li kien hemm żmien fejn huwa ma baqax jaħdem dik ir-raba'.

12. Filwaqt li jirreferu għax-xhieda tagħhom dwar l-istat żdingat tar-

raba’, jisħqu li Arthur Bajada, bħala rappreżentant tad-Dipartiment tal-Agrikoltura f’Għawdex, xehed li fis-sena 2011, dak id-Dipartiment kien ħassar ir-reġistrazzjoni minn fuq isem missier l-attur, u dan peress li ma kienx baqa’ attività fuq din ir-raba’.

13. Jissoktaw billi jgħidu li mill-provi jirriżulta li wara xi sentejn li r-raba’ tħalliet żdingata, huma bdew jaħdmu dik ir-raba’, u li kien biss wara li bdew jagħmlu hekk, li l-attur beda jara kif jagħmel sabiex jikseb lura l-pussess ta’ dik l-art. Dwar dan, ifissru li f’Novembru tas-sena 2018, l-attur waddab ammont sostanzjali ta’ ħamrija fil-għalqa bil-għan li jtellifhom mit-tgawdija tal-pussess. Jargumentaw li huma xejnu dan l-ispoll billi fil-5 ta’ Jannar, 2019, wittew il-ħamrija u ħawlu erbgħin siġra taż-żebbuġ; fatt, li fi kliemhom, ma ġiex miċħud mill-attur, anzi saħansitra ġie kkonfermat bl-istqarrija tiegħu li huwa kien qala’ u qaċċat is-siġar taż-żebbuġ.

14. Dwar il-konklużjoni tal-Ewwel Qorti, li l-attur kiseb lura l-pussess tar-raba’ meta qala’ u qaċċat uħud mis-siġar taż-żebbuġ, l-appellanti jfissru li tali konklużjoni hija żbaljata għal żewġ raġunijiet. Fl-ewwel lok, jargumentaw li din il-konklużjoni setgħet tkun fejjieda biss li kieku l-attur qala’ s-siġar kollha u mhux ħalla wħud minnhom hemm. F’dan ir-rigward jisħqu li mill-provi jirriżulta li l-attur mhux biss ma qalax is-siġar kollha, iżda wkoll li huma baqgħu jersqu ‘l hemm tant li rnexxielhom isalvaw uħud mis-siġar li tqaċċtu u komplew jieħdu ħsieb il-bqija tas-siġar li ma

ntmessewx.

15. It-tieni raġuni għalfejn l-appellanti qed jikkontestaw li l-attur kiseb lura l-pussess tar-raba', meta qala' u qaċċat uħud mis-siġar taż-żebbuġ, hija mbagħad imsejsa fuq l-argument li l-azzjoni tal-attur ma kinitx immedjata għall-att tat-tħawwil tas-siġar u li b'hekk l-għemil tal-attur ma setax ikun ġustifikat bid-difiża tal-*vim vi repellere licet*. Jgħidu li mill-provi jirriżulta li s-siġar tħawlu fil-bidu ta' Jannar 2019 u li l-attur mar iqaċċat is-siġar aktar minn xahrejn wara. Jorbtu dan mal-fatt li l-attur sabha diffiċli biex jaqla' s-siġar, u jispjegaw li dawn kienu ibsin biex jinqalgħu, għaliex tant kienu ilhom hemm, li kienu diġà laħqu rabbew l-għeruq. Jisħqu li b'hekk l-Ewwel Qorti kkonkludiet ħażin li r-reazzjoni tal-attur kienet waħda immedjata kif mitluba fil-ġurisprudenza u jikkonkludu li fin-nuqqas ta' dan l-element, dik il-Qorti ma setgħetx tikkonkludi li l-għemil tal-attur kien wieħed ta' difiża li jgħodd għalih il-prinċipju tal-*vim vi repellere licet* għaliex għalihom l-att tal-attur kien wieħed ta' vandaliżmu.

16. Il-Qorti wara li għarblet l-argumenti kollha tal-appellanti tqis li l-ilmenti tal-appellanti mhumiex mistħoqqa u dan għar-raġunijiet li ġejjin.

17. Għalkemm huwa veru li l-Ewwel Qorti daħlet fil-kwistjoni dwar jekk bil-qlugħ u bit-tqaċċit tas-siġar taż-żebbuġ, l-attur kienx ħa l-liġi b'idejh jew inkella għamilx hekk taħt il-prinċipju tal-*vim vi repellere licet*, il-Qorti

tqis li dik il-konsiderazzjoni hija għalkollox immaterjali għal din it-tilwima. Dan għaliex din il-kawża mhijiex dwar il-qtugħ u t-tqaċċit tas-siġar taż-żebbuġ imwettaq mill-attur. Mod ieħor din il-kawża hija dwar jekk il-konvenuti neħħewx il-pajpijiet ta' tisqija u dwar jekk huwiex minnu li huma qegħdin ifixklu lill-attur milli jidħol fir-raba'.

18. Jissokta billi jingħad li dak li jħoll u jorbot kollox għall-għanijiet tal-element tal-pussess, mhuwiex il-mod ta' kif l-attur kiseb il-pussess, iżda biss jekk l-attur kellux il-pussess tal-għalqa fi żmien li fih l-appellanti wettqu l-għemejjel li qed jilmenta dwarhom fir-rikors maħluf.

19. Huwa magħruf sewwa fil-ġurisprudenza li f'azzjoni ta' din ix-xorta, il-pussess jista' jkun ta' liema xorta jkun (ara ***Central Holidays (Travel Agents and Organisers) Limited v. Alexandra Balzan Ruggier et*** mogħtija mill-Qorti tal-Appell fit-3 ta' Diċembru, 2010) u li f'kawżi bħal dawn il-Qorti m'għandhiex tistħarreġ jekk l-attur għandux jedd għall-pussess li jkun qiegħed jitlob li jikseb lura (ara ***Michelangelo Attard v. Joseph Bajada et*** mogħtija mill-Qorti tal-Appell fis-27 ta' Ottubru, 2021).

20. Ingħad ukoll kemm-il darba li anke jekk l-attur ikun kiseb il-pussess mingħajr jedd fil-liġi u saħansitra b'arbitrarjetà jew abbuż, l-attur xorta waħda jkollu l-jedd li jirrikorri għal din ix-xorta ta' azzjoni biex iħares il-pussess tiegħu u jitlob li jiġi mqiegħed lura fil-pussess jew detenzjoni (ara

***Peter Paul Grima v. Savier sive Saviour Portelli*** mogħtija mill-Qorti tal-Appell fils-26 ta' Ġunju, 2015; ***Nazzareno Spiteri et v. Karl Busuttil et*** mogħtija mill-Qorti tal-Appell fis-27 ta' Marzu, 2015 ***Joseph Portelli v. Peter Paul Portelli*** mogħtija mill-Qorti tal-Appell, fit-2 ta' Lulju, 2010 u ***Alfred Galea et v. Albert Ellul et*** mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-18 ta' April, 2007).

21. Dak li jgħodd huwa għalhekk, jekk bħala fatt materjali, il-pussess ikunx fil-persuna tal-vittma tal-ispoll (ara ***Paul Demarco v. Francesco Fiteni*** deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, fis-6 ta' Ġunju, 1957).

22. F'qafas legali bħal dan, il-Qorti tqis li kull argument tal-appellanti li bl-għemil tat-tqaċċit u tal-qlugħ tas-siġar taż-żebbuġ, l-attur ma kienx qiegħed jiddefendi l-pussess taħt il-pinċipju tal-*vim vi repellere liċet*, iżda kien qiegħed jieħu l-liġi b'idejh, huwa immaterjali għall-għanijiet ta' din il-kawża. Kull sottomissjoni tal-appellanti f'dan is-sens u b'mod partikolari, dwar in-nuqqas ta' immedjatezza fir-reazzjoni tal-attur għall-att tat-tħawwil tas-siġar taż-żebbuġ, hija għalhekk għalkollox irrilevanti, Dan għaliex l-*actio spolii* hija maħsuba biex tħares il-pussess ta' liema xorta jkun, kemm jekk dan il-pussess ikun wieħed illeġittimu (ara ***Professur Lawrence Seychell et v. Joseph Mifsud*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fis-27 ta' Jannar, 2021), kif ukoll jekk dan il-pussess ikun ittieħed bi vjolenza mingħajr il-kunsens tal-parti l-oħra (ara ***Jeffrey Xuereb et v. Daniel***

***Cucciardi*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fl-20 ta' Lulju, 2020).

23. Jekk il-konvenuti appellanti dehrilhom li l-attur appellat wettaq spoll meta qaċċat dawn is-siġar, allura huma messhom imxew kontra tiegħu skont il-liġi biex b'hekk l-affarijiet jerġgħu jiġu għal li kienu. Fi żgur iżda, il-konvenuti appellanti ma jistgħux jużaw din il-kawża biex jitolbu lil din il-Qorti tistħarreġ jekk l-attur wettaqx spoll kontrihom meta qala' dawn s-siġar. Dan għaliex kif għedna aktar kmieni, din il-kawża hija biss fuq l-ispoll li l-attur appellat qiegħed jgħid li ġarrab min-naħa tal-konvenuti appellanti. Spoll dan, li ġie kkonfermat fis-sentenza tal-Ewwel Qorti.

24. Il-Qorti lanqas ma taqbel mal-appellanti meta jgħidu li l-att tat-tqaċċit u tal-qlugħ tas-siġar taż-żebbuġ kien sempliċiment att vandalu u mhux wieħed li bih l-attur seta' jikseb lura l-pussess tal-għalqa. Kif tixhed l-ittra interpellatorja tas-26 ta' Marzu, 2019, li ntbagħtet f'isem l-attur lil Maria Concetta Grech (ara Dok B, f'paġna 16 tal-atti tal-kawża), l-attur qaċċat is-siġar taż-żebbuġ bl-intenzjoni ċara li jerġa' jikseb il-pussess tal-għalqa li sejħilha bħala «*ħwejġu*» u dan «*billi neħħa dak kollu li kien sar fih[a] mingħajr il-kunsens jew il-volontà tiegħu*». Imbilli l-attur ma qaċċatx is-siġar kollha u ħalla biss ħamsa (ara r-rapport ta' James George Grech, 'Dok JX1', f'paġna 65 tal-atti tal-kawża) ma jfissirx li l-attur ma ħax lura l-pussess lura tal-għalqa.

25. Hekk ukoll, il-fatt li l-appellanti qegħdin jgħidu li huma rnexxielhom isalvaw xi wħud mis-siġar li tqaċċtu u komplew jieħdu ħsieb dawk is-siġar li ma nqalgħux, ma jeskludix li l-attur kiseb lura l-pussess tal-għalqa. L-attur xehed li wara li huwa qaċċat dawn is-siġar taż-żebbuġ, huwa baqa' jmur l-għalqa ta' kull ġimgħa sabiex ikun ċert li ħadd ma jerġa' jpoġġi xejn fir-raba'. Aktar importanti minn hekk, żied jgħid li r-raba' baqgħet eżatt kif ħalliha hu. Jekk tassew l-appellanti daħlu jieħdu ħsieb is-siġar, dan kien x'aktarx wara li seħħ l-għemil li dwaru nbdiet din il-kawża ta' spoll u mhux qabel.

26. Kemm hu hekk, għalkemm Angelo Cutajar (li huwa l-għarus tal-konvenuta Jessica Anne Grech) xehed li huwa rnexxielu jsalva tlieta u għoxrin siġra, dan irrakkonta li meta huwa reġa' daħal fl-għalqa, huwa sab is-siġar taż-żebbuġ imqaċċtin b'imqass minn isfel u kienu *«nexfin».* Naturalment, siġra taż-żebbuġ mhux ħa tinxef f'jumejn u dan juri kif x'aktarx Cutajar daħal lura fl-għalqa wara l-inċident li dwaru nbdiet din il-kawża.

27. Filwaqt li dan għandu jkun biżżejjed biex iwaqqa' l-ewwel aggravju, il-Qorti jidhrilha li f'kull każ, l-appellanti lanqas m'għandhom raġun meta qed jgħidu li huma rnexxielhom jippruvaw li l-għalqa kienet ilha abbandunata mill-attur u mill-familjari tiegħu, u dan ferm qabel ma tħawlu s-siġar taż-żebbuġ.

28. Għad li huwa veru li l-attur, kif ukoll ħuh, ammettew li huma kienu waqfu jaħdmu l-għalqa għal xi żmien, madankollu mill-kontroeżami ta' Paul Debono, li joqgħod qrib l-għalqa, irriżulta li l-attur xorta waħda kien baqa' jgħaddi ta' sikwit f'dik l-għalqa. Il-fatt ta' kemm fl-għajnejn ta' dan tal-aħħar, l-għalqa kienet fil-pussess tal-attur u mhux f'idejn il-konvenuti, tkompli mbagħad toħroġ fil-beraħ mill-fatt li Paul Debono kien dlonk iċempel lill-attur hekk kif jara xi ħaġa mhux tas-soltu li tkun qed tiġri fil-għalqa. Kif ingħad minn din il-Qorti fis-sentenza ***Charles Azzopardi et v. Andrew Agius et*** deċiża fl-24 ta' Novembru, 2017, il-fatt li persuna tkun ta' sikwit preżenti fuq biċċa art, sempliċement biex tittawlilha jew tħarisha, ukoll jikkwalifika bħala pussess, anke jekk tali art kienet abbandunata u mhux maħduma.

29. Minbarra dan, kemm fl-affidavit kif ukoll fil-kontroeżami tiegħu, Paul Debono stqarr li meta lejn l-aħħar tas-sena 2018 huwa kien ra xi trakkijiet ibattlu l-ħamrija ġewwa l-għalqa, li dwarha hija din it-tilwima, huwa kien ċempel lill-attur biex javżah b'dak li kien qiegħed iseħħ, u l-attur Raymond Grech kien serraħlu rasu li kien huwa stess li qabbad lil dawk in-nies. Naturalment, li kieku l-attur kien tassew abbanduna l-għalqa sa mis-sena 2012 kif qed jgħidu l-konvenuti appellanti, Paul Debono x'aktarx ma kienx ser joqgħod jieħu l-inizjattiva li jċempel lill-attur biex javżah b'dak li kien qiegħed iseħħ. Wisq anqas l-attur ma kien ser joqgħod jonfoq il-flus biex

iġib il-ħamrija sabiex jagħmel l-għalqa aktar produttiva (ara l-fattura maħruġa lill-attur mill-kumpanija Road Construction Company Limited u l-irċevuta fiskali korrispondenti f'paġni 48 u 49 tal-atti tal-kawża).

30. Fatt ieħor li jkompli juri kemm tassew l-attur baqa' jeżerċita jedd ta' pussess fuq l-għalqa u dan bil-maqlub ta' dak li qed jgħidu l-appellanti, joħroġ ukoll mix-xhieda ta' Maurice Axiaq, li jaħdem bħala bennej. Dan fisser kif fis-sena 2014 huwa kien xtara biċċa art qrib ħafna tal-għalqa li dwarha hija din it-tilwima, u li wara li kien ħariġlu l-permess u beda bix-xogħlijiet, kienu marru jikkonfrontawh l-attur u ħuh Joseph Grech, billi waqt ix-xogħlijiet huwa kien waddab xi ftit terrapien fuq il-parti tal-għalqa li kienet xagħri (ara l-affidavit ta' Maurice Axiaq f'paġna 58 tal-atti tal-kawża). Naturalment, li kieku l-attur kien tassew abbanduna l-għalqa kif qed jgħidu l-appellanti, dan ma kienx ser jikkoppa li dan Axiaq waddab it-terrapien f'dik l-għalqa.

31. Bħalma qalet sewwa l-Ewwel Qorti, l-appellanti lanqas ma jistgħu jistrieħu fuq il-fatt li r-rappreżentant tad-Dipartiment tal-Agrikoltura f'Għawdex xehed li fis-sena 2011, dak id-Dipartiment kien ħassar ir-reġistrazzjoni tal-art minn fuq isem missier l-attur. Minn għarbiel tax-xhieda ta' dan ir-rappreżentant, jirriżulta biċ-ċar li r-raġuni wara t-tħassir tar-reġistrazzjoni ma kinitx għaliex dik l-għalqa ma baqgħetx tinħadem, jew inkella għax ma baqgħetx f'idejn l-attur jew il-familjari tiegħu, iżda

għaliex fl-aħħar sentejn ma kinitx saret applikazzjoni għas-sussidju fuq dik ir-raba' (ara x-xhieda ta' Arthur Bajada, mogħtija waqt is-seduta tal-1 ta' Frar, 2022).

32. Hekk ukoll l-appellanti lanqas ma jistgħu jiksbu xi vantaġġ bil-fatt li l-għalqa ġiet reġistrata mad-Dipartiment tal-Agrikoltura f'isem Jessica Ann Grech, u dan għaliex dik ir-reġistrazzjoni saret fit-28 ta' Lulju, 2021, u għalhekk fi żmien li fih kienet għaddejja din il-kawża (ara x-xhieda ta' Arthur Bajada, mogħtija waqt is-seduta tal-1 ta' Frar, 2022).

33. Tħares minn fejn tħares, l-ewwel aggravju mhuwiex mistħoqq u qiegħed għalhekk jiġi miċħud.

34. Fit-**<u>tieni aggravju</u>** l-appellanti jkomplu jibnu fuq l-ewwel aggravju, billi jisħqu li l-pussess tal-għalqa baqa' f'idejhom minn meta tqaċċtu s-siġar sa meta l-attur ħawwel il-qargħa ħamra u għadda l-pajpijiet tat-tisqija. Fid-dawl ta' dan, l-appellanti jargumentaw li l-att tat-tħawwil u l-mogħdija tal-pajpijiet ma kienx eżerċizzju ta' pussess min-naħa tal-attur, iżda att spoljattiv fil-konfront tagħhom. Jilmentaw li b'hekk l-Ewwel Qorti wettqet ukoll apprezzament ħażin tal-fatti u tal-liġi meta kkonkludiet li fit-18 u fid-19 ta' April, 2022, sewwasew fil-mument li fih l-attur ħawwel il-qargħa ħamra u għadda l-pajpijiet tat-tisqija, huwa kellu l-pussess tar-raba'.

35. Fil-fehma tal-Qorti anke dan l-aggravju huwa ħażin.

36. Ibda biex, dan l-aggravju huwa msejjes fuq il-premessa ħażina li bl-att tat-tqaċċit u tal-qlugħ tas-siġar taż-żebbuġ, l-attur appellat ma kienx ħa lura l-pussess tal-għalqa. Diġà rajna li b'dak l-att l-attur kien qed iwettaq eżerċizzju ta' pussess, u għalhekk ma jistax jingħad li l-attur ma kienx kiseb lura l-pussess tal-għalqa.

37. Bil-kuntrarju ta' dak li qed jgħidu l-appellanti, m'hemm xejn x'juri li l-attur ma baqax fil-pussess tal-għalqa u dan minn tal-inqas sa meta żera' l-qargħa ħamra u għadda l-pajpijiet tat-tisqija. Kif intqal aktar kmieni, l-attur xehed li wara li qala' s-siġar, huwa kien baqa' jmur l-għalqa kull ġimgħa sabiex jiżgura li ħadd ma jerġa' jpoġġi xejn ġewwa r-raba', u stqarr li r-raba' baqgħet eżatt kif kien ħalliha (ara l-affidavit tal-attur f'paġna 45 tal-atti tal-kawża). Din ix-xhieda mhijiex kontradetta, anzi hija sa ċertu punt imsaħħa bil-fatt li ftit tal-ġimgħat wara, l-attur ħarat l-għalqa flimkien ma' ħuh u għadda l-pajpijiet tat-tisqija fuq il-mogħdijiet taż-żerriegħa tal-qargħa ħamra, li huwa wkoll ħawwel fl-istess għalqa.

38. Fil-fehma tal-Qorti, l-atti tal-ħrit tal-għalqa, tat-tħawwil ta' prodott agrikolu u tal-mogħdija tal-pajpijiet tat-tisqija huma fihom infushom eżempji ċari ta' eżerċizzju tal-pussess min-naħa tal-attur, u għalhekk qed

jgħidu ħażin l-appellanti li fit-twettiq ta' dawk l-atti, l-attur appellat ma kellux il-pussess tar-raba'.

39. Li l-attur kien tabilħaqq qiegħed jeżerċita pussess fuq l-għalqa jkompli mbagħad joħroġ mill-fatt li meta mitkellem mill-Pulizija, l-attur stqarr li huwa kien ħarat l-għalqa, żera' xi prodotti agrikoli u għadda l-pajpijiet tat-tisqija, għaliex dik l-għalqa hija proprjetà tal-familja tiegħu u ilha f'idejhom 'il fuq minn sittin sena (ara 'Dok JJS1' ippreżentat minn PC559 Jason John Spiteri, f'paġna 86 tal-atti tal-kawża).

40. Fuq kollox, dak li għadu kif qed jingħad ġie fl-aħħar mill-aħħar konċess mill-appellanti stess, li fl-aħħar paragrafu ta' paġna 5 tar-rikors tal-appell, ammettew li huma ma kellhomx il-pussess tal-għalqa għal ħamest ijiem bejn it-18 ta' April, 2019 sal-24 ta' April, 2019. Veru li din l-istqarrija saret fil-kuntest tal-ewwel aggravju, però dan ma jnaqqas xejn mill-fatt li l-appellanti ma jistgħux iressqu sottomissjonijet u argumenti li huma kontradittorji għal xulxin.

41. Intqal kemm-il darba mill-qrati li anke jekk il-pussess ikun qasir ħafna u saħansitra momentarju, dak il-fatt materjali tal-pussess ikun biżżejjed biex jawtorizza l-azzjoni ta' spoll (ara ***Salvu Briffa et v. Gerolamo Bugeja*** mogħtija mill-Qorti tal-Appell fid-29 ta' Settembru, 2006, ***Grima Communications Company Limited v. Mario Tufigno et***

mogħtija mill-Qorti tal-Appell fid-9 ta' Marzu, 2007 u ***Rosaria Maria Mamo et v. Dael Theuma Whitelaw*** mogħtija mill-Qorti tal-Appell fil-25 ta' Jannar, 2023). Jiġi b'hekk, li anke li kieku stess l-attur kellu l-pussess tal-għalqa għal ħamest ijiem biss, bħalma qed jippruvaw jagħtu l-impressjoni l-atturi, dan il-fatt waħdu ma jnaqqas xejn mill-jedd tal-attur li jdur fuq azzjoni bħal dik tal-lum sabiex jerġa' jitqiegħed fl-istess qagħda li kien fiha qabel ma twettqu l-għemejjel ilmentati minnu.

42. Huwa daqstant ieħor magħruf li l-pussess jitqies li jkun intilef hekk kif jiġi ppruvat li jkun ittieħed mill-attur (ara ***John Muscat et v. Emmanuel Portelli*** mogħtija mill-Qorti tal-Appell fit-8 ta' Jannar, 2018). Għaldaqstant, ġaladarba l-appellanti stess qed jistqarru li tilfu l-pussess għal ħamest ijiem, dawn ma setgħux jieħdu l-liġi b'idejhom billi jispussessaw lill-attur mit-tgawdija ta' dik l-għalqa.

43. Fid-dawl ta' dan, it-tieni aggravju qiegħed jiġi wkoll miċħud.

44. Jifdal biss l-**<u>aħħar aggravju</u>** li fih l-appellanti qed jargumentaw li l-huma wettqu l-għemejjel li qed jilmenta dwarhom l-attur fuq il-prinċipju tal-*vim vi repellere licet*, u li b'hekk l-għemil tagħhom ma kienx wieħed spoljattiv. Jisħqu li fil-jum tal-24 ta' April, 2019, huma kienu sempliċement qed jiddefendu ruħhom mill-vjolenza użata kontrihom, u dan billi qalgħu dak li nżera' u neħħew il-pajpijiet tat-tisqija.

45. Jgħidu wkoll li huma rnexxielhom jippruvaw li l-azzjoni tagħhom kienet waħda immedjata u dan billi fi kliemhom, «*l-ispoll imwettaq mill-attur*» seħħ fit-18 u fid-19 ta’ April, u huma ħadu l-azzjoni f’anqas minn ġimgħa. Jisħqu b’hekk li l-azzjonijiet tagħhom ma kinux ta’ natura spoljattiva u dak li wettqu kien biss biex jinnewtralizzaw «*l-ispoll*» imġarrab minnhom taħt il-prinċipju tal-*vim vi repellere licet.*

46. Il-Qorti tqis li dan l-aggravju lanqas ma jista’ jkun ta’ xi fejda għall-appellanti.

47. Huwa mifhum li kull min iqanqal id-difiża tal-*vim vi repellere licet,* għandu qabel xejn jipprova, fost elementi oħra, li kellu l-pussess tal-oġġett li minnu allegatament ġie spoljat mill-persuna li tkun qed tixlih bi spoll (ara ***Joseph Camilleri et v. Carmel Camilleri et*** mogħtija mill-Qorti tal-Appell fil-15 ta’ Diċembru, 2015).

48. Diġà rajna, li din il-Qorti tqis li l-attur kien ilu fil-pussess tal-għalqa minn tal-inqas minn dak il-jum li fih qaċċat is-siġar taż-żebbuġ, u sewwasew mill-bidu ta’ Marzu, 2019. Intqal ukoll li l-pussess intilef hekk kif dan għadda f’idejn l-attur u li l-appellanti stess ammettew li huma tilfu l-pussess għal ħamest ijiem, sewwasew fil-perjodu li fih l-attur ħarat l-għalqa, ħawwel il-qargħa ħamra u għadda l-pajpijiet tat-tisqija.

Naturalment, dan ifisser li fil-mument li fih l-appellanti qalgħu dawn il-pajpijiet, il-pussess tal-għalqa ma kienx għandhom, u la ma kellhomx il-pussess, l-għemil tagħhom ma jistax igawdi l-immunità mill-prinċipju tal-*vim vi repellere licet.*

49. Barra minn hekk, il-Qorti taqbel ukoll mal-attur appellat li l-att tal-qlugħ tax-xtieli u tat-tneħħija tal-pajpijiet ma kinitx xi «*reazzjoni immedjata*», iżda kienet biss att ta' tpattija għal dak li kien wettaq l-attur 'il fuq minn xahar qabel, u sewwasew bit-tqaċċit tas-siġar taż-żebbuġ.

50. Tajjeb jew ħażin, l-attur kiseb lura l-pussess tal-għalqa fid-9 ta' Marzu 2019 u dan billi hekk kif sar jaf b'dak li kienu għamlu l-konvenuti, huwa mar minnufih fl-għalqa u qala' u qaċċat is-siġar taż-żebbuġ imħawla minnhom. Jekk l-appellanti dehrilhom li dan l-att kien bi ħsara għal xi jeddijiet li seta' kellhom, l-appellanti kellhom ifittxu l-kenn tal-liġi u mhux jimxu bil-kunċett ta' għajn b'għajn, sinna b'sinna.

51. Hekk ukoll, jekk f'għajnejhom, l-attur għamel ħażin meta qaċċtilhom is-siġar, l-appellanti għamlu daqshekk ieħor ħażin meta qalgħu dak li żera' u waddbulu 'l barra l-pajpijiet tat-tisqija li kien firex fil-għalqa. Kif jgħid il-Malti: żewġ affarijiet ħżiena ma jagħmlux waħda tajba. F'tali ċirkustanzi l-vjolenza mwettqa mill-konvenuti appellanti ma saritx bħala reazzjoni immedjata għall-għemil imwettaq mill-attur appellat, iżda dik il-

vjolenza saret biss b'sens ta' ritaljazzjoni għal dak li l-attur kien għamel xi ġimgħat qabel. Jekk il-konvenuti dehrilhom li l-attur ma kellux jedd li jiżra' l-qargħa ħamra u jqiegħed il-pajpijiet, allura huma messhom inqdew bir-rimedji li toffrilhom il-liġi u mhux li jieħdu l-liġi b'idejhom.

52. Għamlet sew għalhekk l-Ewwel Qorti li ma laqgħetx id-difiża tal-awto-difiża mqanqla mill-konvenuti. Konsegwentement anke t-tielet aggravju qed jitqies bħala wieħed li mhuwiex mistħoqq.

53. Fl-aħħar nett, sabiex ikun ingħad kollox, il-Qorti tqis li għalkemm fit-talba finali tar-rikors tal-appell, l-appellanti talbu lill-Qorti sabiex tħassar is-sentenza appellata, billi fost l-oħrajn tilqa' l-eċċezzjonijet kollha tagħhom, l-appellanti madankollu ma ressqu l-ebda aggravju dwar iċ-ċaħda tat-tielet eċċezzjoni, fejn kienu qajmu d-difiża li l-attur naqas milli jibda l-azzjoni fi żmien xahrejn minn meta seħħ l-ispoll. Filwaqt li fih innifsu, nuqqas bħal dan iwassal lill-Qorti biex ma tistax tħassar is-sentenza appellata sa fejn għandha x'taqsam mat-tielet eċċezzjoni, f'kull każ, il-Qorti jidhrilha li anke ċ-ċaħda ta' dik l-eċċezzjoni kienet mistħoqqa billi fir-rikors tal-appell stess, l-appellanti qed jammettu li huma wettqu l-atti li qed jilmenta dwarhom l-attur fl-24 ta' April, 2019. Kif jidher mit-timbru tar-Reġistratur fuq ir-rikors maħluf, dan ir-rikors maħluf tressaq fid-19 ta' Ġunju, 2019, u għalhekk fi żmien xahrejn mitlub mil-liġi.

54. L-appell ser ikun għalhekk qiegħed jiġi miċħud.

**Deċiżjoni**

Għaldaqstant għar-raġunijiet fuq imsemmija, din il-Qorti qiegħda **tiċħad** l-appell imressaq mill-konvenuti u tikkonferma għalkollox is-sentenza appellata, b'dan illi ż-żmien ta' xahar mogħti lill-konvenuti fil-parti dispożittiva tas-sentenza appellata għandu jibda jgħodd mil-lum. L-ispejjeż kollha ta' din il-proċedura għandhom jagħmlu tajjeb għalihom l-appellanti u dan solidalment bejniethom.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Christian Falzon Scerri<br>Imħallef | Josette Demicoli<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
ss